MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 75/2003

**Bayswater Engineering Co. Limited**

**vs**

**Joe Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentata mis-socjeta' attrici fl-4 ta' Frar, 2003 fejn tablet lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, seba' mija u disgha u disghin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm2,799.15), liema somma hija dovuta in konnessjoni ma' servizzi li nghataw fuq inkarigu tieghu skond kif jidher minn fattura datata 15 ta' April, 2002 li kopja taghha hija annessa u mmarkata bhala Dok. "A".

Bl-ispejjez ta' l-Avviz ghas-smiegh u ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Mejju, 2002 debitament notifikata lilu (kopja

Dok. “B”), kif ukoll bl-imghaxijiet mid-data ta’ hrug tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici mhux dovut, in toto jew in parte, stante li (a) ix-xogholijiet miftehma ma tlestewx kollha mis-socjeta’ attrici ghaliex l-istess socjeta’ attrici abbandunat ix-xogholijiet hesrem u minghajr preavviz; (b) ix-xogholijiet li kienu lehqu saru ma kienux tal-kwalita patwita u ma kienux accettabbli skond is-sengha u l-arti u ghalhekk kellhom isiru xogholijiet rimedjali ghas-spejjez tal-konvenut; (c) illi l-ammont reklmklamat mis-socjeta’ attrici huwa eccessiv stante li din qeghda tirreklama pagament ghal materjal jew xogholijiet li kienet obbligata tissuplixxi hija stess; (d)illi inoltre whud mill-konteggi maghmula mis-socjeta’ attrici huma zbaljati stante li ntuzat rata differrenti minn dik miftehma bejn il-partijiet.
2. Illi ebda tip ta’ mghax ma beda jiddekorri kontra l-eccipjenti stante li kienet is-socjeta’ attrici li abbandunat ix-xogholijiet;
3. Illi l-ispejejz ta’ l-ittra ufficjali datata 13 ta’ Mejju, 2002 mhux dovuti stante illi l-ittra kienet intempestiva peress li l-ammont pretiz dovut lis-socjeta’ atttrici kien ghadu mhux maghruf.
4. Illi kawza tan-nuqqasijiet tas-socjeta’ attrici, l-konvenut sofra danni u minn issa stess qieghed jirriserva d-dritt li jipprocedi kontra l-istess socjeta’ attrici ghall-istess danni kif ukoll ghad-danni li ser isofri minhabba t-telf ta’ xoghol rizultanti mis-servizz hazin provdut mis-socjeta’ attrici.

Bir-riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta’ ftehim datat 15 ta’ Novembru, 2001 [fol. 60] il-konvenut gie moghti kuntratt mis-socjeta’ Attard Bros. ghal xogholijiet estensivi ta’ kisi u tibjid fil-fabrika gdida tal-Playmobile, Hal Far.

Ghall-habta ta’ Ottubru jew Novembru, 2002 il-konvenut avvicina lil Joseph Vassallo, direttur tas-socjeta’ attrici, sabiex jahdem mieghu fil-fabrika fuq imsemmija u offrilhu x-xoghol bl-istess rati illi kellu hu. Joseph Vassallo jghid [fol. 35] illi l-konvenut deher mghaggel biex jibda x-xoghol u fil-fatt ix-xoghol beda qabel ma kien jaf ir-rati li bihom kien ser jahdem. Wara xi gimghat, il-konvenut qallu illi r-rati kienu disghin centezmu (90c) kull metru kwadru. Joseph Vassallo rrealizza illi r-rata kienet baxxa wisq u lanqas ma kienet ser tkun bizejjed sabiex jithallsu l-pagi tal-haddiema. Ghalhekk huwa assuma r-responsabbilita’ tal-hlas tal-haddiema sa’ Dicembru, 2002 u mbaghad qal lill-konvenut illi ma kienx sejjer jahdem iktar.

Il-konvenut ghamel zewg pagamenti, wiehed ta’ tliet mitt lira Maltin (Lm300) fit-12 ta’ Jannar, 2002 u iehor ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) fit-8 ta’ Frar, 2002. Dawn il-hlasijiet huma wkoll ikkonfermati mill-attur [fol. 58].

Fil-15 ta’ April, 2002 is-socjeta’ attrici baghtet fattura lill-konvenut ghall-has tax-xogholijiet minnha esegwiti, liema hlas kienu bbazati fuq ir-rati li kienu mifthiema mill-partijiet u cioe’ disghin centezmu (90c) kull metru kwadru. Dan minkejja kif qal l-istess Joseph Vassallo “... avolja naf li r-rati huma ghat-telf, jiena xorta zammejt l-istess rati li Attard kellu ma’ Attard Bros.”

Il-konvenut, minn naha l-ohra, mhuwiex qieghed jiddiskuti l-fattura fuq imsemmija u jghid fost affarijiet ohra illi l-fattura hija sostanzjalment korretta [fol. 53]. Jikkontesta pero’ l-hlas ta’ l-i*scaffolding* u r-rata ta’ disghin centezmu (90c) kull metru kwadru, peress illi skond il-konvenut, originarjament ir-rata kienet ta’ tmenin centezmu (80c) kull metru kwadru u ghamel ftehim verbali ma’ Vassallo illi kellu jgib ghaxar centezmi (10c) kull metru kwadru ohra li kellhom jithallsu lill-konvenut. B’referenza ghall-istess

dokument, il-konvenut ukoll jammetti illi l-pagi tal-haddiema kif murija fil-fattura huma korretti. Minn naha l-ohra jilmenta illi Vassallo kien waqaf minn fuq ix-xoghol hesrem u sar xoghol hazin, tant illi Attard Bros. kienu qeghdin jikkawantifikaw id-danni fuq dan ix-xoghol biex jaddebitawh lilu.

Barra minn hekk, b'ittra datata 15 ta' Mejju, 2002 [fol. 70] Attard Bros. itterminaw il-kuntratt li kellhom mall-konvenut peress illi, "The progress and the way you abandoned the job is unacceptable …" Il-konvenut jghid illi qed jistenna illi Attard Bros. inaqqsu l-ammont tad-danni mill-flus illi ghandhom jaghtuh. Dawn in-danni jghid illi huma mputabbli esklussivament lix-xoghol hazin illi sar mill-haddiema tas-socjeta' attrici.

Ghal dak illi huma r-rati, Attard jghid kategorikament li s-socjeta' attrici kienet taf mill-bidu nett kemm kienu dawn ir-rati. Tant hu hekk, illi huwa kien ghadda kopja tal-ftehim lil Joseph Vassallo qabel ma beda x-xogholijiet.

Rigward il-kuntratt li jidher a fol. 60 tal-process, fejn hemm ir-rata ta' tmenin centezmu (80c) kull metru kwadru, tidher sgassata u minflokha hemm disghin centezmu (90c) kull metru kwadru, l-konvenut jghid illi dan ghamlu proprju l-ghaliex irnexxilu jgib rata ahjar minghand Attard Bros, u minn din ir-rata kellu jiehu ghaxar centezmi (10c) kull metru kwadru ghalih.

Ikkunsidrat:

Jinghad mill-bidu nett li l-fattura tal-15 ta' April, 2002, kif tidher fl-original taghha a fol. 39, hija sostanzjalment korretta, kemm ghal dawk illi huma r-rati kif ukoll ghal dawk illi huma l-pagi dovuti lill-haddiema. Il-kwistjoni jekk il-partijiet kienux a konoxxenza tar-rati qabel ma bdew ix-xogholijiet jew wara, hija fdan l-istadju mmaterjali. Skond il-ftehim tal-15 ta' Novemru, 2001 li l-konvenut kellu ma' Attard Bros. ir-rata tidher disghin centezmu (90c) kull metru kwadru. Allura s-socjeta' attrici hija korretta meta tinkludi din ir-rata fil-kalkoli taghha.

Rigward il-ftehim illi jghid illi ghandu l-konvenut, il-Qorti jidhrilha illi din mhijiex sostanzjata bil-provi necessarji. Pero' ssib l-argument tal-konvenut illi m'ghandux ihallas ghall-*scaffolding* bhala gustifikat. Dan huwa apparat illi jintuza mill-kuntrattur biex jiffacilita x-xoghol, liema apparat jibqa' dejjem a dispozizzjoni u fil-pussess tal-kuntrattur. Lanqas ma jirrizulta illi din hija xi haga li tikkonsma energija jew li kien hemm xi ftehim ta' kera dwaru.
Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' attrici mhijiex gustifikata li titlob il-hlas taghhom u t-talba taghha ghandha titnaqqas bl-ammont indikat u cioe' hames mija u sitta u erbghin lira Maltin (Lm546).

Mill-bqija l-Qorti ssib illi l-ammonti ndikat huma korretti u ma hemmx xi dbiddel iktar u lanqas ma ghandha taghti xi kaz partikolari ghall-allegazzjoni tal-konvenut illi Attard Bros. kienet ser taddebitah ghal xi danni allegatament kawzati minn xoghol hazin maghmul mis-socjeta' attrici. Dikjarazzjonijiet generici ta' telf finazjarju kawzati b'agir tal-kreditur ma jiggustifikawx lid-debitur izomm lura pagamenti ta' dejn u l-konvenut issa ma jistax igib din l-iskuza biex ma jhallsx dak illi legalment dovut lis-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallasha s-somma ta' elfejn, mitejn u tlieta u hamsin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm2,253.15), liema somma hija dovuta in konnessjoni ma' servizzi li nghataw fuq inkarigu tal-konvenut skond kif jidher mill-fattura datata 15 ta' April, 2002.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------